MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-21 ta' April, 2004

Rikors Numru. 7/2004/1

**Alfred Mallia**

**Vs**

**Joseph Cassar**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Alfred Mallia fejn jesponi bir-rispett:-

Illi huwa jikri lill-intimat il-fond Nru. 333, Main Street, Qormi, bhala hanut tal-laham versu l-kera ta' Lm60 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem, l-ewwel skadenza fit-30 ta' Dicembru, 2004;

Illi l-intimat:-
(1) mhux jghamel uzu mill-fond u dan jammonta ghal uzu divers; u
(2) huwa moruz fil-hlas tal-kera billi ma hallasx il-kera skadut fit-30 ta' Dicembru, 2001, 2002 u 2003

u dan jintitola lill-eponent jittermina l-kirja u jirriprendi pussess tal-fond.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, dan il-Bord joghgbu jawtorrizzah ma jgeddidx il-kirja u jirriprendi l-pussess tal-fond tal-hanut Nru. 333, Main Street Qormi.

Bl-ispejjez.

Ra li l-intimat la deher u lanqas ressaq twegiba fir-registru.

Sema’ x-xhieda bil-gurament.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah li ma jgeddidtx il-kirja u li jerga jiehu f’idejh il-fond 333, Main Street, Hal Qormi hekk kif tiskadi l-kirja li bhalissa ghada ghadejja.

L-ispejjez jitthallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------